**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 442/99**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Angelo Baldacchino)**

**vs**

**Raymond Galea ta' 39 sena, iben Carmelo**
**u Catherine nee Formosa, imwieled gewwa**
**Victoria, Ghawdex fis-6 ta' Settembru, 1959**
**u residenti Ent. E, Flat 3, Triq Hanover, Bormla,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' numru 51059 (G).**

**Illum 22 ta' Marzu, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Raymond Galea li gie akkuzat talli gewwa Bormla u bejn it-18 ta' Novembru, 1991 u s-27 ta' Mejju, 1997, bhala propjetarju jew konsumatur tal-fond 38, Triq il-Kampnar, Bormla, u bhala l-persuna responsabbli ghall-meter tal-elettriku fl-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' dawl ta' Lm 200.02,0 ghad-dannut tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ai termini tal-artikoli 261, 263, 267 u 270 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu ta' l-istess Korporazzjoni liema hsara tammonta ghas-somma ta' Lm 10.00 bi ksur tal-artikolu 326(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-provediment tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-hlas tal-ispejjez peritali.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat is-segwenti fatti

Tezisti diskrepanza bejn it-talba kif dedotta fic-citazzjoni cioe l-ammont dovut bejn it-18 ta’ Novembru, 1991 u s-27 ta’ Mejju, 1997 ghal Lm 200.02,0 u dak premess fl-ittra ufficjali ghal konsum ta’ l-elettriku u kera bejn is-26 ta’ Marzu, 1992 u s-17 ta’ Settembru, 1997 ghal ammont ta’ Lm 41.37. Tali diskrepanza hija fil-fatt wahda ta’ natura sostanzjali.

Illi meta Sylvia Azzopardi dahlet fil-fond in kwistjoni f’Jannar 1998, id-dawl, cioe l-elettriku kien maqtugh. Punt iehor hu wkoll il-fatt li Josephine Azzopardi kienet ilha tghix fil-fond in kwistjoni mil-1962 pero’ sal-gurnata tal-inspection ma kinitx ghadha toqghod hemm. F’dan ir-rigward l-akkuzat Raymond Galea xehed li hu beda jghix fil-fond in kwsitjoni cirka 1988 u qablu kien hemm il-genituri tal-mara li meta vvakaw il-fond hallew kontijiet b’lura. Galea qal ukoll li minhabba nuqqas ta’ hlas fiz-zmien li kien jokkupa l-fond hu, kien hemm okkazjonijiet (xi sitta) fejn l-elettriku kien maqtugh u dan anke ghal perjodu ta’ sena.

L-akkuzat innega wkoll illi hu qatt baghbas fl-arlogg tad-dawl.

Anthony Bonello Senior Administrator mal-Water Services Corporation esebixxa l-ledger Sheet Dok AB. Qal li l-unika kont pendenti li hemm sa Frar 2000 huwa ghal ammont ta’ Lm 9.61,0. Il-claim kif imressqa fic-citazzjoni sas-sena 1997 ma tirrizultax mill-istess ledger sheet. Xehed ukoll dwar il-qtugh ta’ konsum fi tliet okkazjonijiet u cioe fl-10 ta’ Novembru, 1992, fl-10 ta’ Mejju, 1994, u l-25 ta’ Mejju, 1997.

Illi dawn id-diskrepanzi kif sottolineati u cioe il-fatt jekk il-qlugh tad-dawl ittiehditx in konsiderazzjoni, il-fatt li gew premessi tliet bilanci dovuti, imorru kollha a favur l-akkuzat u jikkreaw sitwazzjoni ferm probabbli a favur it-tezi ta' l-akkuzat, ghaldaqstant qed tilliberah mill-akkuza.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.